**Art. 246 L-Orizzont**

**Lorna Vassallo**

**Data tal-Publikazzjoni: 18 ta' Marzu 2005**

## Minghajr ic-Cejca

Nhar il-Hadd ma kienx lejliet elezzjoni generali. Kienet gabra fuq il-Fosos barra minn zmienha.

Izda mhux barra minn zmienha daqskemm kont hsibt. Kienet turija vera tad-demokrazija u tal-poter li ghandu u jista' juza l-poplu kontra l-arroganza politika tal-Gvern li qieghed jahkmu.

Minnha nnifisha l-laqgha kbira tal-poplu hija prova li z-zmien wasal.

**Tislijiet lil membri godda**

Minn hawnhekk insellem zewgt ihbieb tieghi li dan l-ahhar inghaqdu mal-Partit Laburista u offrew li jghinuh attivament.

Insellem ukoll bidwi mill-Mellieha li ghaddejt hinijiet twal nitkellem mieghu u li kellu l-irgulija jammetti r-realtà mieghu nnifsu u mal-familja tieghu li Gvern Nazzjonalista ma kienx qieghed jiddefendi l-ahjar interessi tieghu.

Li Malta tibdel il-partit kulhadd jaf li qisek qieghed tibdel ir-religjon u hija decizjoni li tinvolvi hafna emozzjonijiet. Tinvolvi bidla fil-hbieb u tinvolvi wkoll li jkollok tmaqdar lil nies li minhabba c-cokon taghna xi kultant inkunu qisnihom daqs hutna.

Izda l-migemgha ta' nies li ngabret nhar il-Hadd kienet enormi. U ghandna nehduha minnha nnifisha bhala prova tal-bzonn veru li qieghed ihoss il-poplu li juri l-ghadab tieghu ghall-atteggjament tal-Gvern.

Il-migemgha tant kienet kbira li tidher li sahansitra wahhxet lil xi whud, specjalment dawk li ghandhom l-ghodda tax-xandir ta' l-istat f'idejhom. Tant ma xtaqux juruha li qatt ma gabuha shiha.

Il-Partit Laburista gabar tant nies li l-mezzi tax-Xandir ta' l-istat ghamlu minn kollox biex icekknu l-folla.

Laqghat li qieghed ikun hemm fil-kazini Nazzjonalisti, jekk minn post li jesa' 40 siggu wiehed jaqta' barra ringiela gurnalisti, ringiela 'entourage' ta' mal-kelliema, flimkien mal-kunsillieri u l-membri tal-kumitati lokali, ftit jibqa' nies li jkunu marru hemm minn jheddhom. U dan minkejja, ma rridu ninsew qatt, li hafna partitarji Nazzjonalisti kull ma jsegwu huma l-mezzi tax-xandir ta' l-istess Partit Nazzjonalista li, verament, jekk isegwu lilhom biss ma jindunawx li hawn il-qghad Malta sakemm ma l-qghad jigi jhabbtilhom il-bieb.

Qieghda tintuza spiss l-istrategija li minflok isiru attivitajiet tal-massa u laqghat pubblici, issir sempliciment konferenza stampa. Ghalhekk l-udjenza, ovvjament maghmula minn gurnalisti fuq xoghlolhom, tkun udjenza li giet imgieghla tattendi.

M'hemmx ghalfejn nghidu, il-Gvern Nazzjonalista fiz-Zejtun u l-Marsa u ghall-kampanja ingenerali ma tantx qghad jinkwieta jigbor l-udjenzi numeruzi. Anzi ma xtaq jaffaccja lill- ebda udjenza u lanqas il-verdett tal-poplu permezz tal-vot. Kull ma ghamel kien li uza mezzi stupidi, li bihom

waqa‘ ghac-cajt biex zelaq mill-gudizzju.

La ghazel li jaffaccja xi udjenza anonima li tivvotalu bil-voti jintefghu wiehed fuq wiehed fis-sala ta’ l-ghadd tal-voti u inqas u inqas li jiddjaloga ma’ l-elettorat ta’ dawn iz-zewg lokalitajiet wicc’imb wicc jew ma’ dawk li suppost kellhom jirrapprezentawhom.

Simbolikament dan il-pass lura mill-Gvern milli jaffaccja l-poplu jista’ jitqies distanza dejjem tikber bejn il-Gvern u l-poplu. L-id anti-demokratika li tahdem f’qafas demokratiku.

U dan flimkien ma’ l-uzu tal-Parlament biex jitbiddlu ligijiet li jgibu maghhom bdil xejn demokratiku fil-kostituzzjoni.

Gvern u Partit Nazzjonalista – b’zewgt ucuh li qajla jintaghrfu minn xulxin – qeghdin isibu lilhom nnifshom f’sitwazzjoni fejn kollox sar insostenibbli. Il-propaganda politika tieghu saret ukoll finanzjarjament insostenibbli.

Partit Laburista ma jibbazax il-propaganda tieghu fuq li jqassam ic-cejciet lejliet l-elezzjonijiet generali, ghax il-flus u t-tharbit biex partit jintoghgob verament jistghu jibdew jispiccaw.

Issa l-Partit Nazzjonalista jinsab dahru mal-hajt. Spiccalu l-wirt u l-elettorat tieghu li mdorri jittallab ghac-cejca biex jaghti l-vot qieghed jintebah li kien ikun ahjar ghalih li jmur ghand min il-flus jaf ihaddimhom milli jonfoqhom.

Il-kampanja msejsa fuq kemm niflah ‘nixtri’ voti billi noffri impjiegi u nohloq konsulenzi, naghti kuntratti u rigali fi zmien il-Milied lill-elettorat, iktar ma jghaddi z-zmien qieghda ssir insostenibbli.

Id-dejn tal-pajjiz sar insostenibbli. U b’xi mod il-politika Nazzjonalista qieghda ssir insostenibbli.

Il-Partit Nazzjonalista sar partit li jibza’ mill-udjenzi. Jibza’ jaffaccja l-konsegwenzi tal-politika tieghu. Qieghed jahrabhom. Qieghed jahrab ukoll l-elezzjonijiet u l-ezamijiet li jqisu l-polz tal-poplu. Qieghed jibza’ mill-elettorat u mir-rizultat indaqs. Qieghed jibza’ jaffaccja lin-nies li dahaq bihom biex ha l-poter.

Izda nhar il-Hadd li ghadda rajna folla genwina (folla li ma daqet l-ebda cejca) ma’ mexxej li bla ma offra l-ebda cejca qieghed jiddefendi c-cejca li suppost nghatat bi dritt.

Dik kienet il-vera folla ta’ nhar il-Hadd fuq il-Fosos.

U dik hija l-ezistenza eterna ta’ politika Socjalista: li tiddefendi lill-haddiem f’sitwazzjoni ta’ bzonn u tiddefendilu c-cejca, u mhux taghtihielu sakemm tispicca u wara thallih bil-guh!